# IS-SENA T-TAJBA!

Għaddejna sena oħra, sena li fiha għaddejna minn bosta ġrajjiet importanti, u xi drabi diffiċli. Ħadna r-ruħ li tneħħew ir-restrizzjonijiet tal-COVID. Fl-istess ħin fl-24 ta' Frar bdiet gwerra fl-Ewropa li issa ilha għaddejja iktar minn 300 jum. U fiż-żmien li konna qed inħejju għall-Milied tat-Tarbija Divina, kellna naffaċċjaw ruħna mal-possibbiltà li l-abort f'pajjiżna jsir realtà u fatt. Ma nazzardax ngħid dritt għax ħadd ma għandu dritt li jneħħi l-ħajja ta' ħaddieħor.

Nagħlqu sena billi niżżuħajr lil Alla għal dak kollu li pprovdielna. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha, li huma ħafna, li jitolbu, jgħinu, isostnu bil-kelma, bl-eżempju u bl-għajnuna materjali, lil sħabhom il-membri tal-komunità parrokkjali.



Nibdew sena ġdida billi nitolbu lil Ġesù jkun magħna, jimxi magħna u jħarisna filwaqt li nippruvaw nimxu miegħu. Fid-dalma tal-lejl ħarisna Mulej. Fix-xogħol u fid-dar ħudilna b'idejna għax għadmek u laħmek aħna. Mulej żommna rikonċiljati mal-proxxmu u mal-ħolqien.
Mulej tħallina qatt naqgħu taħt il-poter tal-Ħażin.
Tħalliniex, lanqas għal mument wieħed, naħsbu li nistgħu ngħaddu mingħajrek.
Kemm hija ħaġa sabiħa li nibdew is-sena l-ġdida mmexxijin mill-Kewkba tal-Kelma, li tressaqna lejn Kristu.

*Is-sena t-tajba lill-parruċċani kollha.*

***L-Arċipriet***

## Avviżi:

**INFORMAZZJONI GĦAŻ-ŻWIĠIJIET:** id-Djoċesi tagħna ħarġet *Linji Gwida għaċ-ċelebrazzjoni taż-Żwieġ Nisrani*. Dawn ser jibdew japplikaw mill-ewwel ta' Jannar 2023. Infakkrukom illi l-għarajjes jistgħu jagħżlu żewġ xhieda għal kull wieħed/waħda mill-għarajjes waqt iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament taż-żwieġ.

**IL-PARRINI GĦALL-MAGĦMUDIJA:** l-Uffiċċju tal-Liturġija talabna nfakkrukom li mhux permess li jkun hemm żewġt irġiel jew żewġ nisa għall-Magħmudija.

**TELEVIXINS:** nergħu nfakkrukom li l-parroċċa m'għadhiex tirriċikla televixins. Għalhekk nitolbukom biex ma ġġibux TVs fejn l-Uffiċċju Parrokkjali għax kull darba qed ikollna neħduhom il-Wasteserve. Il-Kunsill Lokali joffri servizz biex wieħed ikun jista' jiddisponi minn dawn l-oġġetti.

**KUTRI U QUILTS:** għandna bżonn xi kutri u/jew quilts biex jingħataw lil grupp ta' immigranti li jinsabu hawn fil-gżira t'Għawdex. Tistgħu tħalluhom fis-sagristija (in-naħa ta' Triq Diċembru 13) jew fl-Uffiċċju Parrokkjali. Tridu ġġibuhom matul din il-ġimgħa.

**MILL-PATRIMONJU NADURI:** fl-okkażjoni ta' dawn il-festi għadha kemm ġiet ippubblikata l-ħdax-il kartolina mill-kollezzjoni li turi xbieha ta' Ġesù Bambin li ta' kull sena toħroġ proċessjonalment f'lejlet il-Milied mat-toroq prinċipali tan-Nadur f'pageant Biblika organizzata mill-membri tal-qasam tal-M.U.S.E.U.M. Din tista' tinkiseb mingħand il-Kan. Dun Reuben Micallef matul dawn il-jiem.

**IS-SIĠRA TAL-KARITÀ:** nirringrazzjaw lil dawk kollha li diġà ġabu l-oġġetti u nfakkru lil dawk li għadhom ma ġabuhomx biex jagħmlu dan f'dawn il-jiem.

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am